# MASTRU ĠUŻÈ DECELIS
## L-IMGĦALLEM BENEFATTUR TAD-DUMNIKANI TAL-BIRGU



Wieħed mill-irġiel tas-sengħa li bl-opri tagħhom għamlu ġieħ kemm lilhom infushom kif ukoll lill-Birgu, belt twelidhom, hu bla dubju ta' xejn Ġużeppi Decelis, mgħallem fl-arti tad-disinn, skultura, ebbanisterija u intarsjar, li għax-xogħol artistiku tiegħu, jixraqlu li jkun magħruf ferm aktar milli hu.

Decelis hu konferma ta' l-għajdut 'bin is-sengħa għandu nofsha', għax missieru kien għalliem fi skola ta' l-arti governattiva li kien hemm il-Furjana. Minn taħt idejh ħarġu mgħallmin famużi, fosthom Manwel Buhagiar u Anton Agius. Kien għamel isem ukoll meta rrestawra s-sedji artistiċi tal-Kor tal-Katidral ta' l-Imdina.

## TFULITU U ŻGĦOŻITU

Ġużeppi Decelis twieled il-Birgu fit-23 ta' Diċembru 1866, iben Manwel u Lorenza mwielda Busuttil.(1) Tgħammed fil-Knisja ta' San Lawrenz u trabba fid-dar Nru 14, Salita della Piazza, illum Triq Nestu Laiviera.(2)

Fi tfulitu ħa l-ewwel taħriġ fid-disinn u l-iskultura mingħand missieru u kompla jistudja fi skola ta' l-arti f'Bormla. Minn xogħol bil-lapes li għamel meta kellu 16-il sena, li għadu jżejjen dar qrabatu, wieħed jieħu ħjiel tal-progress ġmielu li kien għamel f'età hekk bikrija.

Meta kiber u mmatura aktar, intebaħ li f'dawk iż-żminijiet kien diffiċli li jaqla' x'jiekol mill-arti biss u daħal jaħdem it-Tarzna bħala 'patternmaker'. Aktar tard inħatar mgħallem ta' l-apprentisti. B'hekk ix-xogħol artistiku tiegħu ġie limitat biss għall-ftit ħin disponibbli wara x-xogħol fit-Tarzna. Hawn kien meqjus bħala raġel tas-sengħa mill-aqwa u sar maħbub ħafna minn sħabu l-ħaddiema billi ma kienx imkabbar u dejjem lest biex jgħin u jgħallem lil min ifittxu. Waqt ix-xogħol, meta kien jippermetti, kien dejjem b'xi kikkra tè quddiemu (mingħajr zokkor), tant li sħabu kienu laqqmuh 'is-sultan tat-tè'. Dan forsi kien jgħinu jneħħi l-effetti negattivi li setgħet tagħmillu l-pipa li rari kien ineħħiha minn ħalqu.



G. Decelis

Meta qorob il-25 sena, fis-17 ta' Ġunju 1891 iżżewweġ lil Elvira Francica bint Pawlu u Emilia neè Pirotta. Żewwiġhom l-Arċipriet Dun Franġisk S. Borg, fl-Oratorju tal-Kurċifiss quddiem ix-xhieda Dun Salv Farrugia u Agostino Montesin.(3)

Wara ż-żwieġ mar joqgħod fid-dar Nru 32, Strada Palazzo del Vescovo, fejn kellu l-kamra tax-xogħol u fejn twieldu l-ħames uliedu - Pawlu, Henry, Ġużeppi, Marietta u Emily.(4) Minn isem uliedu wieħed jintebaħ bir-rispett li kellu lejn il-familja ta' martu.

## L-OPRI TIEGĦU FIL-LUNZJATA

Ta' min jgħid li sa qrib l-1880 il-Knisja tal-Lunzjata kienet tħalliet fi stat pjuttost fqir ħafna, l-aktar minħabba l-ħsarat li kienet ġarrbet meta fl-1806 splodiet Il-Porvlista, u biex issewwiet kienu ntefqu flejjes kbar. Iżda bdiet tieħu xejra ġdida meta nħatar prokuratur Patri Ġulju Vassallo O.P. Dan kien oratur mill-aqwa u kien imfittex kemm f'Malta u Għawdex kif ukoll barra. Dak li kien idaħħal mill-priedki tiegħu kien jużah għal dak li kien jeħtieġ kemm fil-kunvent kif ukoll fil-Knisja tal-Lunzjata.[5]

Lejn l-1884 kien ordna żewġ qniepen għand il-Brunżar Ġulju Cauchi, waħda ta' 33 qantar u l-oħra ta' 17-il qantar, qabbad lid-Ditta Darmanin biex inkesa bl-irħam il-presbiterju u lill-pittur Ġ. Bonnici biex jagħmel kwadru titular li għatta l-iskultura fil-ġebel, xi ftit goffa, li kienet isservi ta' xbieha titulari.[6]

Meta beda dan it-tiġdid fil-knisja, Ġużeppi Decelis kien għadu żagħżugħ ta' madwar 20 sena u bħala membru ta' l-Arċikonfraternita tal-Madonna tar-Rużarju, li aktar tard sar Rettur tagħha, u ammiratur assidwu tal-Komunità Dumnikana, ma setax ma jinħakimx mill-entużjażmu li qanqal Patri Ġulju u minnufih intafa' b'ruħu u ġismu f'ħidma kontinwa, mingħajr ħlas, ta' aktar minn 30 sena biex il-knisja tiżżejjen kif imiss.

Fost ix-xogħol bikri tiegħu fil-Lunzjata hemm it-tużell famuż li żżanżan għall-festa ta' l-1889 u għadu jintrama fil-festa sa llum. Ix-xogħol fl-injam kien għamlu Ġużeppi Gonzi (missier l-Arċisqof) u l-iskultura saret minn Luigi Fenech. L-induratura ġiet fdata lil Giovanni Fenech u Giovanni Busuttil. Ras l-anġlu ġiet skolpita minn Manweli Decelis, missier Ġużè. [7] Dik is-sena kien iddisinja wkoll xi bandalori għat-tiżjin ta' barra. Dawn l-opri kienu ntogħġbu ħafna u fl-Istampa deher dan il-kumment: *"In questa festa si potevano ammirare alcune opere nuove tra le quali un bellissimo baldacchino ... sul disegno dell'intelligentissimo giovane Giuseppe Decelis. All'estero ci parvero alcune banderuole con ricami in oro di squisito disegno."* [8]



Biex kompla jiżżejjen l-artal maġġur, speċjalment fil-festi u l-funzjonijiet ewkaristiċi, fil-21 ta' Mejju 1894 iżżanżnet il-ġilandra, xogħol ieħor ta' Decelis, bl-ispejjeż jagħmel tajjeb għalihom, għal darb'oħra P. Ġulju Vassallo O.P. [9]

Għall-festa ta' l-1906 kien ħażż disinn għall-erba' lanterni l-ġmiel tagħhom li jinġarru fil-purċissjonijiet solenni. Dawn ukoll kienu laqtu l-għajn tal-kronisti ta' dak iż-żmien u dwarhom kienu rrapportaw: *"Irnexxew tassew sbieħ dawk l-erba' lanterni tal-fidda li jistgħu jissejħu l-iprem li għandna f'Malta, kemm għall-ġmiel u kemm għall-kobor u d-disinn tagħhom."*[10]

Tagħrif dettaljat dwar il-Pedestall, il-Bradella u l-Bankun ta' San Duminku deher fil-ktejjeb tal-Festa tas-sena li għaddiet, iżda jkun xieraq naraw il-kummenti ta' l-Istampa ta' dawk il-jiem: *"Pedestall ta' l-għaġeb"* kien it-titlu ta' artiklu li deher fil-ġurnal 'Malta Tagħna'. Aktar 'l isfel kompla jingħad: *"Il-gost ġenjali tad-disinn tiegħu jagħmlu opra kolossali tas-Sur Decelis, artist ippruvat għall-bosta disinji li ħarġu minn taħt idejh."* [11]

Meta l-istess ġurnal ikkummenta fit-tul fuq il-Bradella u l-Bankun, ġie deskritt

bħala *"artista intelliġenti"* u tfaħħar ħafna *"għad-disinn, id-direzzjoni kif ukoll għall-ideat sbieħ li wera."*[12] Dan forsi, għax kien ivvinta mod faċli biex il-bradella tintrafa' minn mal-bankun b'apparat li jitħaddem permezz ta' mradd wara li tiġi żmuntata biċċa mill-ornat. Sistema innovattiva li ntlaqgħet tajjeb u ġiet imitata minn mgħallmin oħrajn fi bradelli li nħadmu wara.

Flimkien ma' dawn, għall-festa ta' l-1907 kienu saru l-gandlieri tal-fidda għall-artal tad-Duluri u l-gwarniċi tal-fidda tal-Karti tal-Gloria, li sa issa għadhom iżejnu l-artali f'jiem il-festa, li nħadmu f'Milan fuq disinn ta' Decelis ukoll.[13]

Ħidmetu ssoktat bla waqfien minn sena għall-oħra, u kif temm in-niċċa tar-Redentur, li kif kienu jgħidu l-anzjani, kien sawwarha mill-injam li fadal wara li tlestiet il-bradella, ta bidu għall-Gallarija ta' l-Orgni, li hi meqjusa fost il-kapolavuri tiegħu. Kontributuri miegħu għas-suċċess miksub kienu Salvu Merilli għax-xogħol fl-injam, Franġisku Ellul, Piju Orsini u Pawlu Faurè fl-iskultura, u Ġanni Fenech, Ġanni Busuttil u ibnu, imlaqqmin 'Ta' Żakkew', għamlu l-induratura.[14] Kienet inawgurata f'jiem il-festa ta' l-1909. Dak in-nhar li nkixfet, kienu marru jarawha ħafna nies u l-kummenti kienu favorevoli tant li korrispondent ta' ġurnal kien kiteb hekk: *"Din tagħmel unur mhux biss lill-Birgu u l-Ordni Dumnikan, magħrufin għall-opri kolossali ta' arti, iżda lil Malta kollha."*[15] It-telfa tagħha fil-gwerra nikktet lil kull min għandu għal qalbu l-arti fil-veru sens tal-kelma.



Bħala Rettur ta' l-Arċikonfraternita tal-Madonna tar-Rużarju ma setax jonqos li l-kappella tagħhom ma tkunx il-favorita tiegħu. Fl-1912 kien insista ħafna biex din tiġi dekorata mill-ġdid u minbarra x-xogħol manwali li għamel, hemm min jgħid, li minkejja l-familja numeruża li kellu, ikkontribwixxa anke finanzjarjament biex ix-xogħol seta' jintemm b'suċċess.

Dak li għamel f'din il-kappella m'għamilx għajb lil dak li kien wettaq qabel u bħas-soltu l-kummenti ta' l-Istampa kienu favorevoli għall-aħħar: *"Ta' dan kollu, jimmerita verament it-tifħir u l-prosit ta' kulħadd l-imfaħħar surmast Ġużeppi Decelis, li fuq id-disinn u taħt id-direzzjoni tiegħu sar ix-xogħol kollu, kemm tal-kompożizzjoni moderna kif ukoll l-iskultura ppitturata (ad uso ebreo)."*[16]

Għal din il-kappella kien iddisinja ġmiel ta' kanċell li b'xorti tajba l-grada tiegħu ma nqerditx fil-gwerra u aktar tard ġiet addattata għall-kappella ta' llum.

B'żjieda ma' dak kollu li għamel fil-knisja kien isib ħin ukoll biex jiddisinja numru bla għadd ta' bandieri, bandalori, kolonni u dekorazzjonijiet oħra għat-toroq tal-Birgu għal jiem il-Festa ta' San Duminku. Xi anzjani għadhom jiftakru kemm ħadem Decelis biex fil-Festi Ċentinarji li fil-Birgu ġew iċċelebrati fl-1922, żejjen il-Belt Rebbieħa b'armar prestiġjuż. Fost dawn, megħjun minn oħrajn, ħadem sett ta' erbatax-il kolonna għall-anġli ġodda li kienu saru biex jintramaw f'Misraħ ir-Rebħa. Dawn il-kolonni, maħduma fuq disinn tiegħu stess, illum għadhom jintramaw fi Triq il-Mina l-Kbira u Triq it-Torri San Ġwann.

Għall-festa dumnikana wkoll tal-Birgu, fl-1936 iddisinja kolonna tassew artistika

u oriġinali għall-istatwa ta' Santa Ċeċilja li f'dik is-sena stess kienet inġiebet minn Lecce, l-Italja. Din kienet tintrama f'nofs Triq it-Torri San Ġwann, jew kif kien magħruf dak iż-żmien, is-Sur tal-Kurdara. Din il-kolonna, ħlief għall-pedestall tagħha nqerdet fl-aħħar gwerra.

F'dawn l-istess ħabtiet, mil-lapes ta' Decelis ħareġ xogħol sabiħ ieħor, din id-darba għall-Kalkara. Din hi l-kolonna ta' l-istatwa ta' Malta li tintrama fil-pjazza ta' quddiem il-knisja fil-ġranet tal-festa ta' San Ġużepp.

## FI KNEJJES DUMNIKANI OĦRAJN

Mitmum ix-xogħol għall-festi ċentinarji msemmija, il-ħidma ta' Decelis fil-Birgu ma baqgħetx tant intensa, billi l-Knisja tal-Lunzjata ma kien jonqosha xejn għajr il-pittura tal-koppla; u fl-armar ta' barra ftit li xejn kien hemm x'jiżdied. Issa seta' jsib il-ħin biex jagħmel xi xogħol fi knejjes oħrajn u dawk li kienu jafuh ħatfu l-okkażjoni.

Minn ta' l-ewwel kien hemm id-Dumnikani tal-Belt li fl-1920 fdawlu d-dekorazzjoni tas-saqaf li jikkumplimenta l-pittura famuża ta' Calì. Dan ix-xogħol kien għamlu flimkien ma' ibnu Henry. Dan ma kienx xogħol ġdid għalih, għax snin qabel kien iddekora s-saqaf tal-Lunzjata, flimkien ma' Salvu Merilli.[17]

Fl-1929, il-patrijiet tal-Portu Salvu xtaqu li jkollhom pulptu ġdid u għal darb'oħra rrikorrew għand Decelis. Issa Ġużè kien aktar ħieles li jaċċetta l-offerta tagħhom għax sentejn qabel kien spiċċa mit-Tarzna, wara li kien għalaq is-60 sena.

Id-disinn li ppreżenta, għalkemm mhux oriġinali għal kollox, intogħġob ħafna u meta deher għall-ftehim finali wiegħed u ntrabat li x-xogħol fl-injam kellu jsir mill-ġewż ta' l-Amerika u kien se jafdah f'idejn l-aħwa Azzopardi. L-iskultura kellha ssir fil-ġewż satinat minn Piju Orsini. Il-panewwijiet kellhom ikunu ta' l-ebbanu u bux ta' kwalità. Is-sieq kellha tkun 'rosewood' u l-gallarija ma tkunx ogħla minn 9 piedi u 8 pulzieri. L-intarsjar, naturalment sar minnu stess. Il-prezz għal dan kollu, immuntat fil-post, kellu jkun £340, li aktar tard żdied b'£60 oħra.[18] Dam jinħadem madwar sentejn. Tbierek u ġie inawgurat nhar il-Ħadd, 31 ta' Lulju 1932 fl-10.30 ta' filgħodu.[19] Flok l-aħwa Azzopardi, ix-xogħol fl-injam kien ġie fdat f'idejn il-Bormliż Ġanni Vella, imlaqqam 'Is-Sillar'.

Għall-istess knisja ddisinja l-Umbrella tal-Bażilka u kien ħażż u mmudella bradella għall-vara ta' San Duminku, li għal raġuni mhux magħrufa, baqgħet ma saret qatt.

Id-drawwa ta' kappelli sagramentali mmuntati għas-Sepulkru, f'jiem il-Ġimgħa Mqaddsa kienet intlaqgħet tajjeb mill-poplu u d-Dumnikani tar-Rabat riedu xi ħaġa bħal dik li hemm fil-Katidral u fil-Knisja tal-Karmnu, fl-Imdina. Biex jaqtgħu xewqithom kellmu lil Decelis li fi żmien qasir ikkuntentahom. B'sogħba ngħidu li għal xi raġuni m'għadhiex tintrama.

## FIL-PARROĊĊA TAŻ-ŻEJTUN

Fiż-Żejtun aktarx li kien hemm min kellu ammirazzjoni speċjali għal xogħol Ġużè Decelis, għax bħal fil-Lunzjata tal-Birgu, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żejtun hemm numru konsiderevoli ta' opri tiegħu. L-ewwel disinn tiegħu għamlu għall-Bradella ta' Santa Katarina li l-mastrudaxxa Spiru Ellul megħjun mill-istess Decelis u l-iskultur Manwel Buhagiar ħarġu b'tant sengħa fl-1911.[20]

F'jiem il-Ġimgħa Mqaddsa, wieħed jista' jammira xogħol Decelis fl-Istendard vjola li jimxi f'ras il-purċissjoni, kif ukoll il-Bandalori S.P.Q.R. u dawk tas-Seba' Kelmiet, kollha xogħol bir-rakkmu ta' Sor Ester Busuttil tas-Sorijiet tal-Karità, ta' l-Istitut Adelaide Cini, Santa Venera.

Is-sodda tal-Monument, li saret fl-1932, hi xogħol ieħor mill-isbaħ tat-trio Decelis, Buhagiar u Ellul. Din id-darba kellhom l-għajnuna tas-Sorijiet Missjunarji ta' l-Istitut Ġesù Nazzarenu, iż-Żejtun, xogħol bir-rakkmu tad-drapp dekorattiv.(21)

Fl-1933, Ġużeppi Decelis iddisinja l-ventartal ta' l-artal ta' San Mikiel u xi ftit wara, it-terħa għall-istess artal.

Il-koperazzjoni artistika bejn Decelis u Buhagiar, fl-1929, għaniet liż-Żejtun b'wieħed mill-isbaħ tużelli li jżejnu l-knejjes Maltin.

## FI KNEJJES OĦRAJN

Hemm knejjes oħrajn li fihom niftakru f'Ġużeppi Decelis permezz tax-xogħol tiegħu. Fil-Marsa għamel xi disinji wara insistenza tal-ħabib tiegħu P. Rafel Hockey, kapuċċin. Għall-Parroċċa tat-Trinità Qaddisa kien iddisinja l-Kanopew mill-isbaħ għat-tabernaklu ta' l-artal maġġur kif ukoll il-Baldakkin rikk li jintuża fil-purċissjonijiet sagramentali. Ma' dawn kien iddisinja wkoll diversi kolonni li jżejnu z-zuntier f'jiem il-festa.

Fost xogħlijiet tal-fidda prestiġjużi tiegħu hemm l-Ostensorju tar-Relikwija ta' San Nikola fis-Siġġiewi, li oriġinalment kien sar għal San Duminku tal-Birgu. Aktar tard, għall-knisja tad-dumnikani, kien għamel ieħor li jintuża fil-festi tal-Lunzjata u d-Duluri, kif ukoll fit-tridu ta' San Duminku u tal-Madonna tar-Rużarju.

Għall-Knisja Parrokkjali ta' San Lawrenz kien iddisinja l-Ventartal tal-fidda mill-isbaħ għall-artal tal-Kunċizzjoni, li x'aktarx id-disinn tiegħu kien sar għall-artal tal-Karità. Dan kien wieħed mill-opri artistiċi prominenti esibiti fil-katalgu li ppubblikat id-Ditta Ghezzi ta' Milan fl-1908.

Furjaniżi anzjani għadhom isemmu b'nostalġija l-Kanċell tal-Presbiterju li kien iddisinja Decelis għall-Knisja ta' San Publju, li l-gwerra ċaħħdithom minnu għal dejjem.

F'Għawdex ħalla tifkira tiegħu bil-Bradella tal-Vitorja fil-Bażilika Kolleġġjata tax-Xagħra.

## LEJN TMIEM KARRIERA SABIĦA

Jekk fl-1939, minkejja l-età avvanzata tiegħu, Ġużè Decelis kien għadu fuq tiegħu biżżejjed biex jissokta ħidmetu, il-gwerra ressqitlu fi tmiemha karriera twila ta' aktar minn 50 sena.

Meta nħarsu lura lejn ħidmetu nintebħu li kien artist ta' kreattività kbira. Kritiċi ta' l-arti, fix-xogħol tiegħu jilmħu stil fl-ornati għalih waħdu, aktarx ibbażat fuq il-weraq tax-xewk, li ma kien jaqbel xejn ma' l-ornat ta' skulturi oħrajn ta' żmienu.(22) Dan jgħin ħafna biex jiġi identikat xogħlu. Iżda fejn varja minn dan l-istil mhux għalkemm jingħaraf. Jista' jitqies umli żżejjed, għax spiss kien jgħid li l-akbar mertu ta' xogħlu għandu jieħdu l-"Ħallieq", għax kien hu li żejnu bit-talenti li kellu. Għalhekk rari kien jiffirma xogħlijietu, u b'hekk, f'nuqqas ta' tagħrif ta' min jorbot fuqu, l-għarfien ta' wħud minnhom seta' ntilef għal kollox.

Għalkemm dejjem fittex li ma tantx jidher, xi ħaġa magħmula minnu kienet ikkonsidrata opra ta' prestiġju. Meta l-Kumitat tal-Banda M. Annunziata ta' Ħal Tarxien, riedu jagħtu rigal xieraq lis-Surmast Gonzi, dawn għażlu li jagħtuh bakketta ta' l-ebbanu magħmula minnu.(23)

Xi każini tal-baned oħrajn ibbenefikaw ukoll mill-ħila ta' Decelis kull meta kienu jeħtieġu xi dekorazzjonijiet jew disinji ta' xi arkivju għall-mużika jew xi vetrina ta' preġju. Fost dawn hemm il-Każin tal-Banda Prince of Wales Own tal-Birgu fejn wieħed għadu jista' jammira dekorazzjonijiet mhux tant komuni li jżejnu l-ħitan tat-tarag imponenti tiegħu, kif ukoll vetrina mill-isbaħ f'waħda mis-swali prinċipali.

Il-karriera tiegħu, bħal dik tal-biċċa l-kbira ta' artisti bħalu, kellha t-tlajja' u n-niżliet tagħha. Decelis, tiegħu ħassha xi ftit iebsa wkoll u kien hemm waqtiet li flok sodisfazzjon radditlu d-diżappunt. Kull meta neputih, Francis X. Treeby, kien jurih il-ħajra li jrid jimxi fuq il-passi tiegħu, flok jinkuraġġih kien iħassarlu, għalkemm aktar tard għenu mill-aħjar li seta'.

Wara li bdiet il-gwerra, kif għamlu bosta min-nies tal-Birgu, Ġużè Decelis mar refuġjat ir-Rabat, fejn dam sa l-1943. Meta tbiegħed il-periklu, niżel jgħammar ir-Raħal il-Ġdid, fid-dar Nru 80, Triq Bormla, flimkien ma' wliedu Henry, Emily u Marietta.[24]

Baqa' bieżel u attiv sakemm daħal fiż-żmien sewwa tant li kamartu ried li jibqa' jieħu ħsiebha hu stess, sakemm miet fl-10 ta' Lulju 1958, fl-età ta' 92 sena. Indifen fil-Kappella tad-Duluri li l-Patrijiet Dumnikani tal-Birgu għandhom fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata.[25]

Qrib it-30 sena wara mewtu, triq ġdida barra s-swar tal-Birgu ssemmiet għalih. B'hekk, ġustament ġew rikonoxxuti l-merti mistħoqqa għal tant opri artistiċi li wettaq, speċjalment f'belt twelidu.

**ANTON ATTARD**

**Referenzi**


1. Reġistru Pubbliku, Valletta, Ċert. Nru 23/1867.
2. Tagħrif konfermat bil-Lista tal-Votanti - Gazzetta tal-Gvern, 24 ta' April 1899, p. 408.
3. Arkivju tal-Parroċċa tal-Birgu, Liber Matrimoniorum, 1872-1902, fol.173v.
4. Tagħrif konfermat fir-Reġistru Elettorali 1939, p. cvii.
5. M. Fsadni O.P. - Birgu, A Maltese Maritime City, Malta, 1993, Vol. II, p. 710.
6. Malta - 30 ta' Settembru 1884.
7. M. Fsadni O.P. - Id-Dumnikani Maltin fi Żmien il-Gwerra 1939-45, Malta, 1977, p. 193.
8. Malta - 17 ta' Settembru 1889.
9. Arkivju tad-Dumnikani tal-Birgu, Giuliana, Ms. 22.4, fol. 10r.
10. Malta Tagħna - 15 ta' Settembru 1906.
11. Ibid. - 31 ta' Awissu 1907.
12. Ibid. - 28 ta' Settembru 1907.
13. Idem.
14. M. Fsadni O.P. - Op. Cit. p. 194.
15. Malta Tagħna - 2 ta' Ottubru 1909.
16. Ibid. - 28 ta' Settembru 1912.
17. R. Bonnici Calì - Leħen is-Sewwa, 30 ta' Ottubru 1982.
18. Arkivju tad-Dumnikani tal-Belt Valletta, Liber Consiliorum, Vol. V, 1905-1932.
19. Malta Tagħna - 30 ta' Ottubru 1932.
20. M. Buhagiar - St. Catherine of Alexandria: Her Churches, etc., Malta, 1979, p. 102.
21. M. Buhagiar - Op. Cit. p. 102.
22. R. Bonnici Calì - Op. Cit.
23. Malta Tagħna - 18 ta' Marzu 1911.
24. Reġistru Elettorali - 1950.
25. Arkivju tal-Parroċċa ta' Kristu Re, ir-Raħal il-Ġdid, Liber Defunctorum, Vol. IV, p. 55.


Ħajr lill-Patrijiet Dumnikani tal-Birgu u tal-Belt Valletta għall-għajnuna tagħhom fir-riċerki fl-Arkivji tal-Kunventi rispettivi tagħhom, lill-Kapitlu ta' San Lawrenz għall-koperazzjoni fir-riċerki fl-Arkivju tal-Parroċċa tal-Birgu, kif ukoll lis-Sinjuri Ċ. D'Emanuele, F. Treeby, G. M. Debono u l-Kan. A. Refalo għat-tagħrif personali mogħti minnhom.

*Kien jitkellem ma' Alla fit-talb jew fuq Alla, u ried li ħutu wkoll jagħmlu bħalu. Wara li tħejja sewwa bl-għerf meħtieġ għall-ħajja, ta ruħu għall-għerf ta' l-ogħla verità. Kien iħenn għall-proxxmu, b'xewqa mħeġġa għas-salvazzjoni tiegħu.*

*Liturġija tas-Sigħat O.P.*